**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta D.I.E.R.**

**Illum: 3 ta' Lulju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)**

**-vs-**

**Lorraine Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 195469M**

Il-Qorti:

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Lorraine Camilleri u cioe` talli:

Fil-kwalita' tagħha ta' prinċipal u/jew rappreżentant ġuridiku tal-entità kummerċjali **'NEWARK JUNIOR SCHOOL'**, b'indirizz reġistrat St. Francis Street, Sliema, Malta u/jew bħala l-persuna li kienet inkarigata mill-istess entità kummerċjali sabiex tħallas il-pagi dovuti, naqset li tħallas l-**Vaganzi tas-Sajf** dovuti għall-perjodu ta' bejn l-01 ta' Lulju, 2012 u l-21 ta' Settembru, 2012, ammontanti għal €2,377.81, u inqast li tħallas l-***Weekly Allowance*** dovut għall-perjodu ta' bejn l-01 ta' April, 2012 u t-30 ta' Ġunju, 2012, ammontanti għal €60.58, li b'kollox jammontaw għal elfejn erba` mija tmienja u tletin ewro u disgħa u tletin ċenteżmi **(€2,438.39)** inklużi t-taxxa u l-bolla, liema ammont kien dovut lill-ex impjegata tagħha, u cioe' lil **Victoria sive Vivienne Meli (ID Numru 0316442M)**, fit-30 ta' Ġunju, 2012.

Għaldaqstant, il-Qorti ġiet mitluba bir-rispett tordna lill-imputata, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tħallas il-penali skont il-liġi, kif ukoll tordna lill-imputata, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal- Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tħallas lil **Victoria sive Vivienne Meli (ID Numru 0316442M)** l-ammont ta` elfejn erba` mija tmienja u tletin ewro u disgħa u tletin ċenteżmi **(€2,438.39),** inklużi t-taxxa u l-bolla, għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat ir-relazzjoni tal-espert legali minnha nominata.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Illi mhux ikkontestat li b'ittra datata l-10 t'April, 2012, l-parte civile giet infurmata li l-kuntratt t'impjieg ma Newark Junior School ma kienx ser jiggedded wara it-30 ta' Gunju, 2012. Dan kien kuntratt definit. L-artikolu 34 ***tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali,*** Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi:

(1) Mingħajr ħsara għal dak li hu preskritt xort'oħra f'dan l-Att, il-kondizzjonijiet tal-impieg f'kuntratt għal żmien speċifikat ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li kienu jkunu japplikaw li kieku l-istess kuntratt tal-impieg fl-istess post tax-xogħol kien għal żmien bla limitu, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat għal raġunijiet oġġettivi:......

Illi l-*Contractual Agreement between Newark Junior School and Teacher* kien jipprovdi li tali ftehim kien suggett ghal dawn il-kundizzjonijiet:

*(i) it is on the basis of a period-contract, covering scholastic year 2011-12;*
*(ii) the period of the scholastic year covered by this contract is* ***from the 1st July, 2011,*** *up to and including 30th June, 2012....*
*(iii) .........*
*(iv) attendance of duties......* ***and in consonance with the national scholastic holiday praxis***
*(v) The salary scale......*
*(vi) Annual bonuses will be paid accordingly*

Illi l-imputata stess tammetti li *"Fis-sena 2012 indunajt li qed nitlef hafna flus, niftakar li kont tellajt dejn ta' aktar minn mitt elf. Jiena kellhi nissellef aktar biex inhallas il-pagi. Kont iddecidejt li f'Gunju ta' dik is-sena naghlaq......Fil-vaganzi tal-Ghid....Jiena tajthom in-notice bil-miktub, .....l-erba parte civile jiena kont tajthom notice simili....Jiena ghidtilhom li ser ikunu mhallsin sal-ahhar ta' Gunju, sa meta jispicca l-kuntratt....Jiena ma ridtx nieqaf f'nofs is-sena skolastika, u nisfratta l-istudenti [u] l-genituri....Nghid li huma kienu jafu li l-kuntratt huwa sa Gunju......Huma kienu jafu li sa Gunju".*

Illi l-fatt li l-impjegat gie mgharraf li wara Gunju kien ser jintemm l-impjieg tieghu, bla ebda sforz tal-immaginazzjoni ma jista' jfisser li dak li jkun sar dovut lilu tul il-perjodu t'impjieg jintilef u jisfuma fix-xejn. Xejn ma jnaqqar mid-drittijiet tieghu hekk kif xejn ma kellhu jnaqqar mill-obbligi tal-*employer* li huma artikolati fl-artikolu 22(2) tal-Att:

(2) Mat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz il-pagi kollha li jkunu għadhom ma tħallsux u **kull kumpens li għandu jitħallas lill-impjegat għall-*leave* mhux meħud għandhom jitħallsu** mad-data tal-jum tal-paga li tiġi minnufih wara iffissata skont is-subartikolu (1) bħallikieku l-kuntratt ma ntemmx.

Illi bl-interpretazzjoni li l-abbli difiza qed taghti ghal kwadru legislattiv li jirregola il-kaz in dezamina, minflok jissalvagwardja lill-impjegat l-legislatur jispicca jirrendi ruhu komplici *f'secondary victimization* tal-impjegat, li mhux biss ikun safa' bla xoghol izda sussegwenetement jithalla jigi arbitrarjament mcahhad minn dak li jkun hadem u stinka ghalih tul il-perjodu tas-sena skolastika.

Fl-artikolu 20 tal-Att jerga jigi emfassizat kemm il-legislatur ried jaghti protezzjoni xierqa lill-impjegat:

**20.** Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, l-jedd ta' kull impjegat għal massimu ta' tliet xhur paga skont il-paga kurrenti pagabbli mill-prinċipal lill-impjegat, **u l-kumpens għall-*leave* li** l-impjegat jista' ikollu jedd għalih, flimkien ma' kull kumpens li jkun dovut lill-impjegat għat-temm tal-impieg, jew kull avviż dwaru, jkun jedd bi privileġġ fuq l-attiv tal-prinċipal u għandu jitħallas bi preferenza fuq kull jedd ieħor sew jekk bi privileġġ jew ipotekarju:

Iżda, f'kull każ, l-ammont massimu tal-jedd bi privileġġ ma għandux ikun aktar mill-ekwivalenti tal-paga minima nazzjonali li titħallas fil-waqt meta ssir it-talba fuq perjodu ta' sitt xhur.

Illi l-imputata tghid li hi ma rieditx tisfratta sena skolastika ghall-istudenti u ghall-genituri taghhom; gest nobbli imma din in-nobilta` kellha testendi ghall-impjegati taghha li kellhom dritt sagrosant ghal dak li kien akkumula bejn is-26 ta' Settembru, 2011, u t-30 ta' Gunju, 2012 <u>ghalkemm il-kuntratt taghha nbeda fl-1 ta' Lulju 2011</u>! Anke l-impjegati taw il-kontribut taghhom sabiex l-istudenti ma jigux sfrattati u ta' dan zgur m'ghandhomx jigu penalizzati minhabba decizjoni xejn ghaqlija li hadet l-imputata bhala employer!

Fil-fatt l-imputata setghet ghazlet li taghlaq il-bibien tal-iskola ferm qabel u b'hekk tevita s-sitazzjoni xejn felici li ghazlet li tidhol fiha konsapevolment, meta fi kliemha *"Nghid li l-problema finanzjarja kienet akkumulat, pero fis-sena 2012 kienet splodiet. Nghid li <u>f'Novembru 2011 jiena kont naf li ma kienx hemm bizzejjed tfal, u l-problema ma stajtx nikkontrolaha</u>. Jiena ma ridtx li naghlaq f'Novembru……Qed nigi mistoqsija jekk <u>il-problema tad-dejn kienitx qabel sa minn Settembru 2010, nghid li f'dak iz-zmien kienu bdew l-indikazzjonijiet.</u>"*

Izda minflok *cutting her losses*, l-imputata ghazlet li tinjora il-kitba fuq il-hajt! Zgur li ma kienitx decizjoni facli ghaliha li taghlaq il-bibien tal-iskola li kienet tmexxi. Pero` hekk kif iddecidiet li thalli l-bibien tal-iskola miftuhin ghal sena skolastika, effettivament issuggettat ruhha ghal obbligi kollha naxxenti mill-istess decizjoni *inter alia* li l-leave akkumulat tul is-sena skolastika u li kienu intitolati ghalih l-impjegati taghha, irid jigi kumpensat. Ghalhekk mhemmx dubbju li d-decizjoni taghha li tiftah l-iskola ghas-sena skolastika <u>2011- 2012</u> ma kienitx wahda ghaqlija. *Multo magis* li thalliha

topera wara Novembru, 2011; kieku ghalqet f'dak iz-zmien l-impjegati kienu ikunu intitolati biss ghal dawk il-vaganzi tas-sajf *pro rata* akkumulati mis-26 ta' Settembru, 2011, data tal-ftuh tas-sena skolastika ghalkemm kif intqal il-kuntratt ta' Meli juri bidu ferm qabel- dak ta' l-1 ta' Lulju, 2011.

Tkompli hekk fil-kontro-ezami taghha***,*** *"Fis-snin ta' qabel l-ghalliema kienu jithallsu tas-sajf…bejn Lulju u Settembru [ma] kienux jaghtu servizz…Nikkonferma li kienu jkunu on holiday".*

Illi fil-kaz tal-parte leza Vivienne Meli izda l-kuntratt taghha sahansitra juri li nbeda mill-1 ta' Luju, 2011, propju fil-bidu tal-vaganzi tas-sajf!

Illi l-Contractual Agreement jipprovdi li:

*2. This post is being awarded ….. on the following terms and conditions…..*
*(iv) attendance of duties……and in consonance with the* ***national scholastic holiday praxis.***

Illi aktar minn prassi hemm legislazzjoni specifika li tirregola l-materja in dezamina. ***L-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi ghall-Iskejjel Privati,*** (L.S.452.47)[1] li jirregola l-Pagi fir-regolament 6 jipprovdi:

> **6.** (1) **Ghalliema *whole-time* ikollhom dritt ghal vaganzi tas-soltu b'paga shiha**, izda meta vaganza minn dawn tigi f 'gurnata li fiha l-iskola normalment taghlaq huma ma jkollhomx dritt g]al [urnata o]ra minflokha.
>
> (2) Ghalliema *whole-time* jkollhom dritt ghall-**vaganzi b'paga shiha** nkluzi vaganzi ta' l-iskola ghall Milied, Karnival, l-Ghid u l-vaganzi tas-sajf mill-eghluq sal-ftuh mill-gdid ta' l-iskejjel.

Johrog car li l-vaganzi ta' ghalliem jissuperaw bil-bosta l-annual leave entitlement previst bir-regolament 8 tar-***Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Hin tax-Xoghol (L.S.452.87)*** u l-ebda employer ma jista' jezimi ruhhu mir-responsabbilitijiet u obbligi tieghu minhabba s-saram li ikun sab ruhu fih.

Illi l-Qorti thossha kemmxejn perplessa bil-konkluzjoni tal-espert tekniku li minkejja li taghmel riferenza ghar-regolament 6 fuq citat, tikkonkludi li galadarba l-impjegat inghatat in-notice, it-talba ghall-hlas tal-vacation leave ghal perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2012 u il-21 ta' Settembru, 2012 – l-ahhar jum tal-vaganzi peress li l-ghada, 22 ta' Settembru, 2012, kellhom jergghu jifthu l-iskejjel ghas-sena skolastika 2012-2013- ma hiex gustifikata.

---

[1] Il-Kunsill tal-Pagi ghall-Iskejjel Privati jopera ghall-impjegati kollha li jahdmu b'kuntratt ta' servizz fl-iskejjel kollha (barra minn dawk l-iskejjel imwaqqfin u mmexxijin mill-Gvern ta' Malta jew l-Università ta' Malta) izda eskluzi dawk il-membri tal-persunal li ghalihom il-Gvern tac Malta jhallas salarju jew *allowance* individwali lir-rapprezentanti ta' l-assocjazzjoni religjuza li minnha jaghmlu parti dawk il-membri.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clayton James Fenech** fejn dik il-Qorti ezaminat gurisprudenza dwar piz probatorju ta' opinjoni ta' espert nominat mill-Qorti:[2]

Il-Qorti se tirreferi ghal numru ta' decizjonijiet fejn il-Qrati taghna trattaw l-artikolu 656 tal-Kap 9. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Akram Amar Swayah**[3] deciza fit-8 ta' Mejju, 2006 intqal:

*Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura hafifa, ghaliex fil- fehma tieghu, peress li l-imputat [**recte:** il-vittma] huwa ragel ta' hamsa u erbghin sena u ghandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bhala ferita ta' natura gravi.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*

*Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l- perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*

***"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."***

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinhass", u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni "hija wahda visibbli minn distanza normali". Skond gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma'xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il- Pulizija v. Paul Spagnol**, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) v. George Xuereb**[4]**3** ppreseduta mill-Agent President Imhallef Joseph A. Filletti u l-Imhallfin Albert J. Magri u Geoffrey Valenzia fid-decizjoni tal-25 ta' Frar, 2011 intqal:

*"... anke tenut kont tal-inkarigu tieghu, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti f'dawn l-ahhar snin, il-Qorti thoss fi kwalunkwe kaz it-talba ma tistax tigi milqugha peress li kif inghad fis-sentenzi hawn citati tal- Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali"** (Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) u **"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"** (Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) il-Qorti thoss illi l-analizi taghha, jekk tieqaf hawn, tkun inkompleta u ghalhekk skorretta. Skont dawn l-istess principji enuncjati f'dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li ghandha tezercita l-irwol taghha ta' supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha (**artikolu 656 tal-Kap. 9**) u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom."*

---

[2] Deciza 23.05.2016; per Onor Magistrat Dr. Joseph Mifsud. Ara ukoll il-**Pulizija vs James Joseph Muscat**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Deciza mill-istess Magistrat nhar l-20 t'April, 2017.
[3] Appell Kriminali Numru. 124/2005

[4] Appell Civili Numru. 24/2008/1

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-atti ta' l-allegazzjoni ta' genn fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**[5] deciz fl-4 ta' Marzu, 2010 mill-Agent President Imhallef David Scicluna u l-Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph R. Micallef intqal:

*Jidher li l-gurati skartaw l-opinjoni ta' l-esperti psikjatri (kif del resto kellhom dritt li jaghmlu a tenur ta' l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali) u kkonkludew li l-appellant kellu kemm il-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel huwa hazin kif ukoll il-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Din il-Qorti jidhrilha li l-gurati, ben diretti mill- Imhallef li ppresjeda l-guri, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, skond il-buon sens, dwar il-kwistjoni li kellhom quddiemhom. Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie, b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:*

***"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."***

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**[6] deciz mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef deciz fit-8 ta' Gunju 2006 iddikjaraw**:**

*Irid jigi notat ukoll illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9:* ***"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."*** *L-ewwel Qorti kienet korretta meta alet illi f'dan il-kaz din ir-regola kienet tassumi importanza partikolari peress illi certi linji difensjonali kienu jiddependu minn jekk il-gurati jaccettawx jew le, b'mod partikolari, il-konkluzjonijiet ta' Dr. Spiteri. Jigifieri l-Qorti kienet qed taghmel il-posizzjoni fil-ligi cara lill-gurati, filwaqt li spjegatilhom li* ***"kontra l- perswazjoni"*** *taghhom ma kienx ifisser* ***"kontra l-kapricc ta' mohhkom"*** *izda ghal raguni valida legalment.*

U finalment il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Borg**[7] tat-13 ta' Lulju, 2006 deciza mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, Gino Camilleri u David Scicluna fejn kien dikjarat li:
*Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:*
**"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali** *[fit-test ingliz:* ***special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."***

*Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal- ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'**Blackstone's Criminal Practice 2001**[8] , "whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both". Fis-sentenza tas-*

---

[5] Appell Kriminali Numru 3333/2010
[6] Appell Kriminali Numru 9/1996
[7]Appell Kriminali Numru 22/1997
[8] Para. F10.3 pagna 2120.

*South Australia Supreme Court fl-ismijiet R. v. Bonython (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'****Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003****[9], King C.J. qal:*

***"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion.... If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."***

*Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il- kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l- gudikant tal-fatt* ***"mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu"*** *(Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx l-ahjar espert li seta' jingieb f'dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.*

*F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux forensic odontologist u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika. Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl- odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco*** *moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma nt al f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur Hector Galea ma kellux il- kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.*

Ghalhekk u bir-rispett kollu lejn l-abbli espert legali, l-Qorti ma taqbel xejn mal-konkluzzjoni milhuqa minnha u ma tistax tabbraccjaha. Bl-interpretazzjoni taghha tal-ligi applikabbli, ifisser li jekk employer jaghti dak li qed jigi meqjus bhala "notice" lill-impjegat tieghu, liema "notice" l-impjegat jaghzel li jahdem, l-employer jigi ezonerat mill-kumplament tal-obbligi tieghu, liema obbligi ikun assuma tul iz-zmien li l-employee dam fl-impjieg mieghu. Bla dubbju japplika l-istess ragunament fir-rigward tal-weekly allowance dovut ghall-perjodu bejn l-1 t'April, 2012 u t-30 ta' Gunju, 2012.

Illi l-Qorti lanqas ma taqbel li l-ittra tal-10 t'April, 2012 kienet tammonta ghal "notice". Din l-ittra ma kienet xejn ghajr pre-avviz li l-kuntratt mhux ser jiggedded fl-ahhar tas-sena skolastika u cioe` meta jasal fi tmiemu fit-30 ta' Gunju, 2012. Fil-fatt Para. 2(xi) tal-Ftehim jghid *"(xi) This contract is to be renewed at the end of each scholastic year"*.

Tant hu hekk li f'kaz ta' *fixed term contract* japplika biss l-Artikolu 36(12) tal-Att:

---

[9] Para. 10-65 pagna 1234.

(12) Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu qabel iż- żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem:

Illi iktar minn hekk u tenut kont ta' dak li jipprovdi dan is-subartikolu ma jaghmel ebda sens li jinghad li l-impjegat tpogga taht notice fl-10 t'April, 2012[10] biex konsegwentement gie ghamel aktar minn tmien gimghat fuq notice (sat-30 ta' Gunju, 2012), meta il-perjodi ta' avviż tat-temm ta' impieg huma dawk stabbili bl-artikolu 36(5) tal-Att li japplika biss ghal kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu, fejn perjodu ta' notice ta' 8 gimghat hu t-terminu previst ghal minn kien ilu bejn 4 u seba snin fl-impjieg indefinit![11]

Ghalhekk hi il-fehma kunsidrata tal-Qorti li tali ittra ma naqqret xejn minn dak li kien dovut ill-impjegati bhala kundizzjoni tal-impjieg taghhom fis-settur!

Illi ghalhekk il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-mottivi u wara rat l-artikoli 5, 22, 23, 45, 46, u 47(2) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-regolament 6 tal-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi ghall-Iskejjel Privati (Avviz Legali 60 tal-1977), issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha, izda bl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hatja thallas lil **Victoria sive Vivienne Meli,** detentrici tal-karta tal-identita numru **0316442M** l-ammont ta` elfejn erba` mija tmienja u tletin ewro u disgħa u tletin ċenteżmi **(€2,438.39),** u dan fi zmien sena millum.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur.(Int. Law)**
**Magistrat**

[10] Vide Artiklu 36(7) tal-Att : *Il-perjodu tal-avviż għandu jibda jgħodd mill-jum tax-xogħol li jaħbat wara l-jum li fih jingħata l-avviż.*
[11] Artiklu 36(5)(d) tal-Att.